KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-30 ta' Jannar 2014[1]

Kawża C-475/12

UPC DTH Sàrl
vs
Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Elnökhelyettese

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija)]

"Qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Responsabbiltà għas-superviżjoni ta' servizzi transkonfinali — Reġistrazzjoni — Obbligu ta' stabbiliment"

I – Introduzzjoni

1. Wara organizzazzjoni mill-ġdid tal-attivitajiet ta' grupp internazzjonali, issa hija s-sussidjarja Lussemburgiża tiegħu u mhux iktar dik Ungeriża, li toffri lill-ispettaturi Ungeriżi aċċess bis-satellita għal ċerti programmi televiżivi. Wara li rċeviet numru ta' lmenti mill-abbonati Ungeriżi, l-awtorità regolatorja Ungeriża dwar il-komunikazzjoni elettronika tistaqsi lil din l-impriża Lussemburgiża dwar id-dritt tagħha li twettaq ċerti verifiki, minkejja r-ristrutturazzjoni tagħha.

2. L-awtorità regolatorja Ungeriża tkun kompetenti, b'mod partikolari, fil-każ fejn il-provvista tal-impriża Lussemburgiża tkun servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-sens tal-qafas regolatorju l-ġdid għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar 'il quddiem il-"QRĠ"). Madankollu, l-għan tal-QRĠ ma huwiex primarjament il-garanzija tal-protezzjoni tal-konsumaturi, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, iżda d-distribuzzjoni ta' riżorsi skarsi, pereżempju tal-frekwenzi, kif ukoll il-ġestjoni tan-netwerk, b'mod partikolari f'termini tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, evalwazzjoni tal-verifiki fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandha wkoll tiġi meqjusa, madankollu din teħtieġ delimitazzjoni preċiża permezz tar-regoli tal-QRĠ.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

II – Il-kuntest ġuridiku

3. Il-QRĠ huwa magħmul mid-Direttiva "Qafas"[2], mid-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni"[3], mid-Direttiva "tal-Aċċess"[4], mid-Direttiva "Servizz Universali"[5] u mid-Direttiva "dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"[6]. Madankollu, din tal-aħħar ma hijiex rilevanti għal din il-kawża.

A – *Id-Direttiva "Qafas"*

4. Mill-premessa 10 tad-Direttiva "Qafas" jirriżulta li s-servizzi regolati u servizzi mhux regolati jistgħu jikkoinċidu:

"[…] L-istess impriża, per eżempju provditur ta' servizzi bl-Internet, jista joffri kemm servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bħal l-aċċess għall-Internet, u servizzi mhux koperti taħt din id-Direttiva, bħal provista ta' kontenut web-based."

5. L-għan tad-Direttiva "Qafas" u tal-QRĠ huwa ddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva "Qafas":

"(1) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas armonizzat għar-regolazzjoni tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, tal-faċilitajiet assoċjati u tas-servizzi asssoċjati […]. Tistabbilixxi l-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tistabbilixxi lista ta' proċeduri biex tiżgura l-applikazzjoni armonizzata tal-qafas regolatorju f'kull parti tal-Komunità.

(2) […]

(3) Din id-Direttiva kif ukoll id-Direttivi Speċifiċi huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda fil-livell tal-Komunità jew nazzjonali, b'konformità mal-liġi tal-Komunità, li jfittxu miri ta' interess ġenerali, b'mod partikolari li jirrelataw mar-regolament tal-kontenut u l-politika awdjo-viżwali."

6. L-Artikolu 2 tad-Direttiva "Qafas" jiddefinixxi b'mod partikolari n-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll is-sistemi ta' aċċess kundizzjonali:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'network ta' komunikazzjoni elettronika' tfisser sistemi ta' trażmissjoni u, fejn applikabbli, apparat għall-kommutazzjoni jew ta' routing u riżorsi oħra […], li jippermettu t-twassil ta' sinjali permezz ta' wajer, radju, mezzi ottiċi jew elettromanjetiċi oħra, inklużi networks tas-satellita, networks fissi (circuit- u packet-switched, inkluż l-Internet) u mobbli terrestri, sistemi ta' kejbil tal-elettriku, sal-punt li jintużaw għall-għan ta' trażmissjoni tas-sinjali, networks użati għax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni, u networks tat-televiżjoni bil-kejbil, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;

2 — Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 37).

3 — Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE.

4 — Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE.

5 — Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 11).

6 — Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE.

[…]

ċ) ‘sevizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi’ tfisser servizz normalment provdut bi ħlas li jikkonsisti kollu kemm hu jew fil-parti l-kbira tiegħu fit-twassil ta’ sinjali fuq networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet u servizzi ta’ trasmissjoni f’servizzi wżati għax-xandir, iżda esklużi servizzi li jipprovdu, b’eżerċizzu ta’ kontroll editorjali fuq, kontenut trasmess bl-użu ta’ networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi; ma jinkludix servizzi tas-soċjeta ta’ l-informazzjoni, kif definiti f’Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE [7], li ma jikkonsistux kollha kemm huma jew fil-parti l-kbira tagħhom għat-twassil ta’ sinjali b’networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi;

[…]

e) ‘servizzi assoċjati’ tfisser dawk is-servizzi assoċjati ma’ network tal-komunikazzjoni elettronika u/jew servizz tal-komunikazzjoni elettronika li jagħmlu possibbli u/jew jissapportjaw il-provvista ta’ servizzi permezz ta’ dak in-network u/jew servizz jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan, u jinkludu, inter alia, traduzzjoni ta’ numri jew sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti, sistemi ta’ aċċess kundizzjonali u gwidi tal-programmi elettroniċi, kif ukoll servizzi oħra bħal servizz ta’ identità, lok u preżenza;

f) ‘sistema ta’ aċċess kondizzjonali’ tfisser kull mezz tekniku u/jew arranġament li bih l-aċċess għal servizz protett tax-xandir bir-radju jew televiżjoni f’forma li tiftiehem ikun kondizzjonal bi sħubija forma oħra ta’ awtorizzazzjoni ndividwali minn qabel”.

B – *Id-Direttiva “ta’ Awtorizzazzjoni”*

7. Il-premessa 20 tad-Direttiva “ta’ Awtorizzazzjoni” tippreċiża dan li ġej fir-rigward tal-kumulu ta’ attivitajiet differenti fl-istess impriża:

“L-istess impriża, per eżempju operatur tal-cable, jista’ joffri kemm servizz ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, bħat-twassil ta’ sinjali tat-televiżjoni, u servizzi mhux koperti taħt din id-Direttiva, bħal kommerċjalizzazzjoni ta’ offerta għal servizzi ta’ kontenut għax- xandir bil-ħoss jew televiżjoni, u għalhekk obbligi addizzjonali jistgħu jiġu mposti fuq din l-impriża b’relazzjoni ma’ l-attività tagħha bħala fornitur tal-kontenut jew distributur, skond id-dispożizzjonijiet ta’ Direttivi oħra barra minn dawk ta’ din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-lista tal-kondizzjonijiet stipulata fl-Anness li jinsab ma’ din id-Direttiva”.

8. L-Artikolu 3 tad-Direttiva “ta’ Awtorizzazzjoni” jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-provvista ta’ netwerks jew servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi:

“(1) […]

(2) Il-forniment ta’ networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew il-forniment ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jista’, mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċifiċi msemmija f’Artikolu 6(2) jew għad-drittijiet ta’ użu msemmija f’Artikolu 5, biss ikun suġġett għal awtorizzazzjoni ġenerali. L-impriża konċernata tista’ tkun meħtieġa li tissottometti notifikazzjoni iżda m’għandhiex

7 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8).

tkun meħtieġa li tikseb deċiżjoni espliċita jew xi att amministrattiv ieħor mill-awtorità regolatorja nazzjonali qabel ma teżerċita d-drittijiet li joħorġu mill-awtorizzazzjoni. Man-notifikazzjoni, fejn meħtieġa, impriża tista' tibda l-attività, fejn meħtieġ suġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' użu f'Artikoli 5, 6 u 7.

L-impriżi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika transkonfinali għal impriżi li jinsabu f'numru ta' Stati Membri m'għandhomx jiġu meħtieġa jressqu aktar minn notifika waħda għal kull Stat Membru kkonċernat.

(3) In-notifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhiex tinvolvi aktar minn dikjarazzjoni minn persuna legali jew naturali lill-awtorità regolatorja nazzjonali ta' l--intenzjoni li tibda l-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u s-sottomissjoni ta' l-informazzjoni minima li hija meħtieġa li tippermetti lill-awtorità regolatorja nazzjonali li żżomm reġistru jew lista tal-forniturі ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Din l-informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-fornitur, bħan-numri tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, u l-persuni ta' kuntatt tal-fornitur, l-indirizz tal-fornitur, deskrizzjoni qasira tan-network jew is-servizz, u d-data li fiha jkun mistenni li jibda l-attività."

9. Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva ta' "awtorizzazzjoni", awtorizzazzjoni ġenerali kif imsemmija fl-Artikolu 3 ta' din l-istess direttiva tista' tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fl-Anness. Il-punt 8 tal-Anness isemmi dawn ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li huma speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

C – *Id-Direttiva "Servizz Universali"*

10. L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva "Servizz Universali" jippreċiża b'mod ċar li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet eżistenti l-oħra fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi: "Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-utenti finali għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 93/13/KEE u 97/7/KE, u r-regoli nazzjonali f'konformità mal-liġi Komunitarja."

D – *Id-Direttiva 2009/140*

11. Il-premessa 5 tad-Direttiva li temenda 2009/140 tiġbor fil-qosor l-għan tal-QRĠ:

"L-għan huwa li progressivament jitnaqqsu r-regoli speċifiċi ex-ante tas-settur hekk kif tiżviluppa l-kompetizzjoni fis-suq u, finalment, li l-komunikazzjoni elettronika tkun regolata biss mil-liġi dwar il-kompetizzjoni. Meta wieħed iqis li s-swieq għal komunikazzjoni elettronika wrew dinamiċi kompetittivi qawwija fis-snin riċenti, huwa essenzjali li obbligi regolatorji ex-ante għandhom jiġu imposti biss fejn m'hemm l-ebda kompetizzjoni effettiva u sostenibbli."

III – Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

12. UPC DTH hija kumpannija kummerċjali rreġistrata fil-Lussemburgu li tikkummerċjalizza pakketti ta' programmi magħmula minn servizzi ta' xandir radjofoniku u awdjoviżiv. F'dan il-kuntest, hija tipprovdi s-servizzi tagħha mil-Lussemburgu għal abbonati li jgħixu fi Stati Membri oħra, fosthom l-Ungerija.

13. It-trażmissjoni ta' programmi prodotti minn terzi ssir bis-satellita. Mill-osservazzjonijiet magħmula f'din il-kawża jirriżulta li UPC DTH ma hijiex is-sid tal-infrastruttura satellitari, iżda hija tuża s-servizzi ta' terzi. Barra minn hekk, hija ma teżerċita ebda kontroll editorjali fuq il-programmi. Il-prezz iffatturat lill-utenti tas-servizz jinkludi kemm l-ispejjeż ta' trażmissjoni kif ukoll it-tariffi mħallsa lix-xandara u lis-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tal-kontenut tagħhom.

14. Għall-ewwel, jiġifieri mis-sena 2000, kienet kumpannija lokali relatata ma' UPC DTH li kienet tipproponi dan is-servizz fl-Ungerija. Fl-2010, dan is-servizz ġie ttrasferit lil UPC DTH u minn dakinkar ġie operat minn din il-kumpannija – li topera servizzi simili fir-Repubblika Ċeka u fir-Repubblika Slovakka.

15. UPC DTH ma taqbilx mal-Viċi-President tal-Awtorità Nazzjonali Ungeriża dwar il-Komunikazzjoni u x-Xandir (Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Elnökhelyettese) dwar jekk hijiex meħtieġa, fil-kuntest ta' proċedura ta' monitoraġġ tas-suq, li tipprovdilha d-dokumentazzjoni u informazzjoni oħra disponibbli fir-reġistru tagħha fir-rigward tar-relazzjoni kuntrattwali tagħha ma' abbonat partikolari.

16. UPC DTH tinvoka avviż maħruġ mill-awtorità kompetenti Lussemburgiża, l-Institut Luxembourgeois de Régulation (Istitut regolatorju Lussemburgiż, iktar 'il quddiem l-"ILR") li jipprovdi li s-servizzi pprovduti mir-rikorrenti jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Lussemburgu u li, taħt id-dritt Lussemburgiż, is-servizz ipprovdut mir-rikorrenti ma huwiex servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

17. Il-kawża hija pendenti quddiem il-Fővárosi Törvényszék, il-qorti tal-belt kapitali. Din il-qorti ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja s-sitt domandi preliminari li ġejjin:

1) L-Artikolu 2(c) tad-Direttiva Kwadru, jiġifieri d-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li wieħed jista' jikkwalifika bħala servizz ta' komunikazzjoni elettronika s-servizz li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess taħt kundizzjonijiet għal pakkett ta' programmi trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv?

2) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri jestendi għas-servizz imsemmi fl-ewwel domanda sa fejn dan huwa servizz ipprovdut mil-Lussemburgu fit-territorju tal-Ungerija?

3) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ ta' servizz kif imsemmi fl-ewwel domanda, il-pajjiż ta' destinazzjoni li għalih ikun intiż is-servizz, għandu d-dritt li jirrestrinġi l-provvista ta' tali servizzi permezz ta' ħtieġa ta' reġistrazzjoni obbligatorja tas-servizz fl-Istat Membru u l-istabbiliment ta' fergħa jew ta' entità ġuridika separata, filwaqt li tinsisti li tali servizz ma jistax jiġi pprovdut jekk mhux permezz ta' fergħa jew ta' entità separata?

4) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-proċeduri relatati mas-servizzi msemmija fl-ewwel domanda jaqgħu taħt l-awtorità tal-Istat Membru territorjalment kompetenti fir-rigward tal-post fejn is-servizz jiġi pprovdut – indipendentement mill-Istat Membru fejn topera jew hija rreġistrata l-impriża li tipprovdi s-servizz?

5) L-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002 (Direttiva Qafas) għandu jiġi interpretat fis-sens li s-servizz imsemmi fl-ewwel domanda huwa servizz ta' komunikazzjoni elettronika jew li s-servizz deskritt fl-ewwel domanda huwa servizz ta' aċċess taħt kundizzjonijiet ipprovdut permezz ta' sistema ta' aċċess taħt kundizzjonijiet imfisser fl-Artikolu 2(f) tad-Direttiva Qafas?

6) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, id-dispożizzjonijiet rilevanti għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-fornitur tas-servizz imsemmi fl-ewwel domanda huwa fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Komunitarja?

18. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn UPC DTH, mill-Awtorità Nazzjonali Ungeriża dwar il-Komunikazzjoni u x-Xandir (iktar 'il quddiem l-"awtorità regolatorja Ungeriża") flimkien mal-Ungerija, kif ukoll mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, mir-Rumanija, mir-Repubblika Slovakka u mill-Kummissjoni Ewropea. UPC DTH, l-awtorità regolatorja Ungeriża, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013.

IV – L-analiżi ġuridika

19. It-talba għal deċiżjoni preliminari għandha l-għan li tikkjarifika jekk l-awtorità regolatorja Ungeriża tistax tissorvelja l-attività ta' UPC DTH. Għal dan il-għan, id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jinġabru f'żewġ gruppi tematiċi: l-ewwel, il-ħames u s-sitt domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju essenzjalment jikkonċernaw il-kwistjoni dwar jekk l-attività ta' UPC DTH, bħala "servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi", taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-QRĠ, jiġifieri, fil-qafas regolatorju l-ġdid għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ara l-parti A). Min-naħa l-oħra, it-tieni, it-tielet u r-raba' domandi jikkonċernaw il-kwistjoni dwar jekk il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE tipprekludix verifika ta' UPC DTH mill-awtoritajiet Ungeriżi (ara l-parti B).

20. Jistgħu jiġu rrilevati dubji rigward il-ħtieġa li tingħata risposta għaż-żewġ kategoriji ta' domandi. Minkejja li l-QRĠ jipprovdi armonizzazzjoni eżawrjenti ta' ċerti kwistjonijiet, dan jeskludi l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi[8]. Madankollu, din l-osservazzjoni ma hijiex neċessarjament valida fir-rigward tad-definizzjoni ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fil-fatt, jekk Stat Membru jiddelimita l-kompetenza ta' awtorità regolatorja taħt din id-definizzjoni, iżda jallokalha, fir-rigward ta' servizzi suġġetti għal kompetenza tagħha, kompetenzi ta' verifika li jmorru lil hinn mir-regolamentazzjoni tal-QRĠ, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista', minkejja l-QRĠ, ikollha rwol fir-rigward ta' kompetenzi li għandhom portata ikbar.

21. Din il-kawża tirrigwarda tali miżuri. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-awtorità regolatorja Ungeriża hija partikolarment interessata teżamina r-relazzjoni bejn UPC DTH u l-abbonati tagħha, jiġifieri l-garanzija tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Dan huwa aspett li ma huwiex kompletament armonizzat mill-QRĠ[9]. Madankollu, f'kull każ għandu jiġi vverifikat bir-reqqa jekk il-kwistjoni hijiex diġà indirizzata mill-QRĠ.

A – *Fuq id-dritt tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi*

22. Id-dritt tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi taħt il-QRĠ jikkonċerna essenzjalment it-trażmissjoni tas-sinjali elettroniċi. Wara li, għal żmien twil, tali servizzi ta' trażmissjoni kienu rriżervati għal monopolji tal-Istat, il-QRĠ għandu l-għan, skont it-termini tal-premessa 10 tad-Direttiva 2009/140, li jnaqqas progressivament ir-regolazzjoni *ex ante* skont l-iżvilupp tal-kompetizzjoni f'dawn is-swieq sakemm il-komunikazzjonijiet elettroniċi jkunu rregolati biss bid-dritt tal-kompetizzjoni.

8 — Sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, Ġabra p. I-349, punti 73 u 77).

9 — Sentenza tal-11 ta' Marzu 2010, Telekomunikacja Polska (C-522/08, Ġabra p. I-2079, punt 29).

23. Id-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" għandha dan l-għan li tnaqqas ir-regolazzjoni *ex ante*, billi tissuġġetta lill-fornituri ta' servizzi għal kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni ftit li xejn vinkolanti. Madankollu, awtorizzazzjoni ma hijiex neċessarjament biżżejjed għall-Unjoni kollha. Fil-fatt, kull Stat Membru fejn huwa pprovdut servizz jista' joħroġ awtorizzazzjoni huwa stess taħt l-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva.

24. B'mod parelleli, id-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" tinkludi dispożizzjonijiet dwar drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, li l-ġestjoni tagħhom hija indirizzata wkoll fid-Direttiva "Qafas".

25. Barra minn hekk, fuq l-impriżi l-iktar b'saħħithom fuq is-suq jistgħu jiġu imposti obbligi speċifiċi taħt id-Direttiva "tal-Aċċess", sabiex impriżi oħra wkoll jista' jkollhom aċċess għas-swieq ikkonċernati. Dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq l-hekk imsejħa "duttrina ta' faċilitajiet essenzjali", li ser tiġi diskussa b'rabta mal-projbizzjoni ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti skont l-Artikolu 102 TFUE [10].

26. Fl-aħħar nett, id-Direttiva "Servizz Universali" għandha l-għan li jiġi żgurat li l-utenti finali kollha jkollhom aċċess għal ċerti servizzi minimi. U d-Direttiva "dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika", li hija inqas rilevanti l-kuntest tal-kawża preżenti, tipprovdi rekwiżiti speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data f'dan il-qasam.

1. Fuq il-klassifikazzjoni tas-servizz inkwistjoni fil-QRĠ bħala komunikazzjonijiet elettroniċi

27. L-ewwel u s-sitt domanda huma intiżi li jiġi magħruf jekk UPC DTH toffrix servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva "Qafas", li hija parti mill-QRĠ.

28. Huwa servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, fis-sens ta' din id-definizzjoni, is-servizz normalment ipprovdut, bi ħlas, li jikkonsisti kompletament jew prinċipalment fit-trażmissjoni tas-sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi s-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u s-servizzi ta' trażmissjoni fuq netwerks użati għax-xandir, bl-esklużjoni ta' servizzi li jipprovdu kontenut li jużaw netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew li jeżerċitaw kontroll editorjali fuq dan il-kontenut. Huma esklużi, ukoll, is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE, li ma jikkonsistux kompletament jew prinċipalment fit-trażmissjoni tas-sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

a) Fuq it-trażmissjoni tas-sinjali

29. Is-servizz hawn ikkontestat jinvolvi trażmissjoni tas-sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jiġifieri trażmissjoni bis-satellita. Is-sistemi ta' trażmissjoni kif ukoll riżorsi oħra li jippermettu t-twassil tas-sinjali permezz ta' netwerks bis-satellita huma, skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva "Qafas", "netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi". In-netwerks użati għax-xandir radjofoniku u televiżiv huma msemmija espressament f'din id-definizzjoni.

30. Il-fatt li huma terzi li jwettqu t-trażmissjoni bis-satellita ma jikkonfutax din il-klassifikazzjoni tas-servizz, kuntrarjament għall-opinjoni ta' UPC DTH. Fil-fatt, UPC DTH tippermetti mhux biss aċċess għas-servizzi tagħha permezz ta' netwerk li jeżisti indipendentement minn dan is-servizz, pereżempju l-internet jew in-netwerk tat-telefon, iżda jiżgura li sseħħ it-trażmissjoni u li l-abbonati fl-Ungerija jistgħu jaċċedu għalihom.

10 — Ara s-sentenzi tas-6 ta' April 1995, RTE u ITP vs Il-Kummissjoni (C-241/91 P u C-242/91 P, Ġabra p. I-743, punt 52 *et seq*), tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C-7/97, Ġabra p. I-7791, punt 37 *et seq*), u tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera Sverige (C-52/09, Ġabra p. I-527, punt 60 *et seq*).

31. Il-fatt li l-abbonati fl-Ungerija jkollhom aċċess għas-servizz huwa essenzjali fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni tas-servizz taħt il-QRĠ hijiex neċessarja f'dan l-Istat Membru. Fil-fatt, ma hemmx bżonn ta' leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fejn it-trażmissjoni bis-satellita tiġi rċevuta, iżda ma tistax tiġi ddekodifikata fin-nuqqas ta' offerta ta' UPC DTH. Konsegwentement, id-destinatarju ta' miżuri regolatorji meħuda fuq il-bażi tal-QRĠ ma huwiex l-operatur tas-satellita, iżda l-iktar l-iktar UPC DTH.

b) Fuq l-offerta tal-kontenut

32. Huwa wkoll stabbilit li ma hemm l-ebda kontroll editorjali fuq il-programmi mxandra fil-kuntest tas-servizz, bi ħlas, offrut minn UPC DTH.

33. Madankollu, is-servizz ta' UPC DTH jidher mill-ewwel li jikkonsisti f'offerta ta' kontenut. F'dan il-każ, ma jkunx servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva "Qafas".

34. Din il-kwistjoni, madankollu, ġiet reċentement indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawża dwar servizz simili pprovdut mill-kumpannija relatata Olandiża ta' UPC DTH, li kien jirrigwarda t-trażmissjoni fuq netwerk bil-kejbil ta' pakketti ta' programmi. Minn dan jirriżulta li d-direttivi rilevanti, b'mod partikolari d-Direttiva "Qafas" u d-Direttiva "dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva" [11] li jikkonċernaw il-kontenut, jistabbilixxu distinzjoni ċara bejn il-produzzjoni tal-kontenut, li timplika responsabbiltà editorjali, u t-trażmissjoni tal-kontenut, mingħajr l-ebda responsabbiltà editorjali, peress li l-kontenut u t-trażmissjoni tagħhom huma suġġetti għal leġiżlazzjonijiet separati, isegwu għanijiet differenti, mingħajr la jsir riferiment għall-klijenti tas-servizzi pprovduti u lanqas għall-istruttura tal-ispejjeż ta' trażmissjoni li jintalab il-ħlas tagħhom mingħand dawn tal-aħħar [12].

35. Għalhekk, sabiex jiġi eskluż servizz mid-definizzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, il-kwistjoni ma hijiex li dan ikollu bħala suġġett l-offerta tal-kontenut, iżda jekk dan jinkludix il-produzzjoni tagħhom u/jew kontroll editorjali. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

c) Fuq l-għan prinċipali tas-servizz

36. Madankollu dan jista' jkun servizz li huwa eskluż mill-applikazzjoni tal-QRĠ għaliex ma jikkonsistix *kompletament jew prinċipalment* fit-trażmissjoni. Hekk kif UPC DTH tispjega, it-trażmissjoni hija biss element wieħed fost diversi li jikkaratterizzaw is-servizz.

37. Dan l-aspett kien imsemmi wkoll fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, dwar il-kumpannija relatata Olandiża ta' UPC DTH. Jidher li ma huwiex rilevanti li l-klijenti jabbonaw għal servizz sabiex jaċċedu għal ċertu kontenut [13], jiġifieri, li ma huwiex aċċess għal sistema ta' trażmissjoni speċifika li tkun fil-qalba tal-motivazzjoni tagħhom. Għall-kuntrarju, tali servizz għandu jissodisfa l-QRĠ, għall-inqas sa fejn dan jinkludi trażmissjoni [14].

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat din il-konklużjoni b'mod partikolari mill-fatt li kull interpretazzjoni oħra tnaqqas kunsiderevolment il-portata tal-QRĠ, tippreġudika l-effettività tad-dispożizzjonijiet tiegħu u tikkomprometti, għaldaqstant, it-twettiq tal-għanijiet ta' dan tal-aħħar. Fil-fatt, peress li l-għan innifsu tal-QRĠ huwa, kif jirriżulta mill-premessa 27 tad-Direttiva "Qafas" u l-premessa 5 tad-Direttiva 2009/140, li jiġi stabbilit suq intern ġenwin tal-komunikazzjonijiet

11 — Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Marzu 2010, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, p. 1).

12 — Sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, UPC Nederland (C-518/11, punt 41).

13 — Sentenza UPC Nederland (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 43).

14 — Sentenza UPC Nederland (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 44).

elettroniċi, li fil-kuntest tiegħu dawn tal-aħħar għandhom, biż-żmien, jiġu rregolati biss mid-dritt tal-kompetizzjoni, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu tal-attivitajiet ta' impriża li toffri pakketti ta' programmi fuq netwerk bil-kejbil, bl-iskuża li hija ma tittrażmettix biss sinjali, effettivament iċċaħħad lil din tal-aħħar minn kull portata [15].

39. Madankollu, il-kombinazzjoni ta' diversi servizzi ma twassalx għall-issuġġettar tal-elementi *kollha* tas-servizzi tagħha suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-QRĠ. Hekk kif stabbilit fil-premessa 20 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni", fuq il-fornitur jew id-distributur tal-kontenut jistgħu jiġu imposti obbligi taħt dispożizzjonijiet oħra għajr dawk ta' din id-direttiva, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet tal-QRĠ [16].

40. Għalhekk, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għas-sitt domanda għandha tkun li s-servizz, li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, huwa servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva "Qafas", sa fejn ikollu bħala suġġett it-trażmissjoni ta' sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Għalhekk, il-fornitur ta' tali servizz għandu jiġi kkwalifikat bħala fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

2. Fuq il-klassifikazzjoni ta' aċċess kundizzjonali bħala servizz

41. Il-ħames domanda tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk is-servizz, li fil-kuntest tiegħu, il-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, huwiex servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew servizz ta' aċċess kundizzjonali fis-sens tal-Artikolu 2(f) tad-Direttiva "Qafas".

42. Huwa evidenti li s-servizz propost minn UPC DTH jinvolvi *sistema* ta' aċċess kundizzjonali. L-Artikolu 2(f) tad-Direttiva "Qafas" jiddefinixxi tali sistema bħala kwalunkwe miżura u/jew dispożizzjoni teknika li tissuġġetta l-aċċess f'forma intelliġibbli għal servizz protett tar-radju jew tat-televiżjoni permezz ta' abbonament jew forma oħra ta' awtorizzazzjoni individwali minn qabel. Huwa eżattament b'dan il-mod li l-aċċess għall-pakketti ta' programmi proposti minn UPC DTH huma maħsuba.

43. Madankollu, din il-kwistjoni tidher li hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u sistema ta' aċċess kundizzjonali jeskludu lil xulxin. Għalhekk, fil-każ ta' sistema ta' aċċess kundizzjonali, ir-regoli li jirregolaw servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ma jkunux applikabbli.

44. Tali suppożizzjoni hija madankollu żbaljata. Huwa veru li hemm regoli speċifiċi għal sistemi ta' aċċess kundizzjonali. Wieħed jista' jsemmi, minbarra d-Direttiva dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, aċċess kundizzjonali [17], l-Artikolu 6 u l-Anness I tad-Direttiva "tal-Aċċess". Meta sistema ta' aċċess kundizzjonali hija pprovduta separatament minn servizz ta' komunikazzjonijiet, din hija biss ibbażata fuq dawn ir-regoli.

45. Meta tali sistema ta' aċċess kundizzjonali hija pprovduta separatament, dan huwa madankollu, skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(ea) tad-Direttiva "Qafas", sabiex il-benefiċjarju tas-servizz juża' din is-sistema bħala *servizz assoċjat*. Huwa fil-fatt servizz assoċjat ma' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jippermetti jew jiffaċilita l-provvista ta' servizzi permezz ta' dan is-servizz jew li għandu tali potenzjal.

15 — Sentenza UPC Nederland (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 45).

16 — Ara wkoll il-premessa 10 tad-Direttiva "Qafas".

17 — Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p.147).

46. Il-fatt li servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huwa kkombinat ma' sistema ta' aċċess kundizzjonali, madankollu, ma jeskludix li dan jiġi rregolat. Fil-fatt, ma huwiex minħabba li servizz huwa sostnut u possibbli permezz tat-tieni servizz li l-ewwel servizz għandu jiġi kklassifikat bħala t-tieni servizz. It-tieni servizz huwa pjuttost element tal-ewwel wieħed.

47. Għalhekk, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li servizz, li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, jista' jinkludi sistema ta' aċċess kundizzjonali fis-sens tal-Artikolu 2(ea) u (f) tad-Direttiva "Qafas", iżda ma għandux madankollu jitqies, fl-intier tiegħu, li jikkostitwixxi tali sistema.

B – *Fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi*

48. It-tieni, it-tielet u r-raba' domandi huma dwar l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. L-ewwel nett għandu jiġi stabbilit jekk is-servizz inkwistjoni jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, sa fejn huwa pprovdut fit-territorju tal-Ungerija mil-Lussemburgu (ara l-parti 1). Insegwitu għandna nistaqsu dwar il-punt jekk huwiex kompatibbli ma' din il-libertà li l-awtoritajiet tal-Istat destinatarju jissuġġettaw dan is-servizz għall-proċeduri amministrattivi (ara l-parti 2), kif ukoll dwar jekk dan l-Istat jistax jitlob reġistrazzjoni [ara l-parti 3(b)] u/jew l-istabbiliment ta' fergħa fit-territorju tagħha [ara l-parti 3(c)].

1. Fuq l-applikabbiltà tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

49. Ix-xandir ta' programmi televiżivi bħat-trażmissjoni tagħhom jaqgħu taħt ir-regoli tat-Trattat relatati mal-provvista ta' servizzi [18]. Barra minn hekk, huwa stabbilit li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-provvista ta' dan is-servizz lil persuni fl-Ungerija minn impriża li hija stabbilita fil-Lussemburgu.

50. Il-fatt li UPC DTH ma tipprovdix servizzi simili fl-Istat Membru fejn hija stabbilita ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-Artikolu 56 TFUE. Fil-fatt, id-dritt stabbilit mill-imsemmija dispożizzjoni, għal operatur ekonomiku stabbilit fi Stat Membru, li jipprovdi servizzi fi Stat Membru ieħor, ma huwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-imsemmi operatur jipprovdi wkoll tali servizzi fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 49 KE jeżiġi biss li l-fornitur ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor li ma huwiex dak tad-destinatarju [19].

51. Madankollu, l-armonizzazzjoni li tirriżulta mill-QRĠ tista' teskludi l-eżami fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [ara l-parti (a)]. Barra minn hekk, uħud jargumentaw li l-invokazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tikkostitwixxi abbuż [ara l-parti (b)].

a) Fuq l-armonizzazzjoni

52. Skont ġurisprudenza stabbilita, kull miżura nazzjonali f'qasam li kien is-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fuq il-livell tal-Unjoni għandha tiġi evalwata mhux fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, iżda ta' dawk ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni [20].

18 — Sentenza tat-30 ta' April 1974, Sacchi (155/73, Ġabra p. 409, punt 6), tad-29 ta' Novembru 2001, De Coster (C-17/00, Ġabra p. I-9445, punt 28), u tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 28).

19 — Sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, VT4 (C-56/96, Ġabra p. I-3143, punt 22), u tat-8 ta' Settembru 2010, Carmen Media Group (C-46/08, Ġabra p. I-8149, punt 43).

20 — Sentenza tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra p. I-4947, punt 9), tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, Ġabra p. I-14887, punt 64), u tat-18 ta' Lulju 2013, Citroën Belux (C-265/12, punt 31).

53. B'mod konformi ma' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-QRĠ implementa d-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [21], anki jekk huma biss id-dispożizzjonijiet tal-QRĠ li huma applikabbli [22]. Dan huwa l-każ fil-qasam tat-trażmissjonijiet bit-televiżjoni, pereżempju fir-rigward tal-konċessjoni ta' awtorizzazzjonijiet ta' trażmissjoni u l-għoti tal-frekwenzi tar-radju għat-trażmissjoni [23]. Madankollu, l-għan tal-QRĠ ma huwiex dak ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-regolamenti kollha li jikkonċernaw is-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva "Qafas", ma ġewx miksura l-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali, b'konformità mad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiġu sodisfatti l-għanijiet ta' interess ġenerali.

54. Għalkemm it-talba għal deċiżjoni preliminari fiha biss allużjonijiet f'dan ir-rigward, mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-awtoritajiet regolatorji Ungeriżi jirriżulta, b'mod partikolari, li l-kawża prinċipali tikkonċerna primarjament ir-relazzjoni bejn UPC DTH u l-abbonati tagħha, jiġifieri l-protezzjoni tal-konsumaturi.

55. Madankollu, id-Direttivi "Qafas" u "Servizz Universali" ma jipprovdux armonizzazzjoni sħiħa tal-aspetti relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi. Fil-fatt, l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva Servizz Universali, jippreċiża li l-Artikolu 20 ta' din l-istess direttiva, li jirrigwarda l-kuntratti konklużi bejn il-konsumaturi u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, japplika bla ħsara għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll għal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni [24].

56. Din ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-provvista ta' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" tista', skont l-Artikolu 6(1) u l-punt 8 tal-Anness għal din id-direttiva, tkun suġġetta fost l-oħrajn għal kundizzjonijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li huma speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

57. Għalhekk, ma humiex (biss) id-dispożizzjonijiet tal-QRĠ li jsibu l-applikazzjoni tagħhom fil-kawża prinċipali. Fil-każ fejn il-qrati nazzjonali ma jaslux għall-konklużjoni tar-rilevanza ta' dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni sussidjarja, pereżempju d-Direttiva dwar prattiki kummerċjali żleali [25], li wkoll twettaq armonizzazzjoni kompleta ta' ċerti kwistjonijiet [26], hija l-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tapplika.

b) Fuq in-natura abbużiva tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

58. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tallega li UPC DTH ma tistax tagħmel użu mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi peress li din il-kumpannija hija biss stabbilita fil-Lussemburgu sabiex tipprovdi servizzi fi Stati Membri oħra. Għalhekk, hija tqis, konsegwentement li hemm abbuż tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

21 — Sentenza Centro Europa 7 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 76 u 80).

22 — Sentenza Centro Europa 7 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 73 u 77).

23 — Sentenza Centro Europa 7 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 85).

24 — Sentenza Telekomunikacja Polska (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 29).

25 — Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, p. 22). Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2010, Telekomunikacja Polska (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 31 *et seq*) kif ukoll il-Kawża C-388/13, UPC Magyarország, li għadha pendenti.

26 — Sentenza tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punt 52), tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (C-304/08, Ġabra p. I-217, punt 41), u Citroën Belux (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 20).

59. F'dan ir-rigward, għandu jingħad li Stat Membru għandu d-dritt li jieħu l-miżuri li jipprekludu li, permezz tal-faċilitajiet offerti mit-Trattat, uħud miċ-ċittadini tiegħu jippruvaw jitbiegħdu b'mod abbużiv mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Bl-istess mod, dawn ma jagħmlux użu abbużiv jew qarrieqi mid-dritt Komunitarju [27].

60. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali bl-għan li jinkiseb benefiċċju minn leġiżlazzjoni iktar vantaġġuża ta' Stat Membru ma huwiex, waħdu, suffiċjenti sabiex tiġi konkluża l-eżistenza ta' użu abbużiv ta' din il-libertà [28].

61. Anki jekk jista' jiġi stabbilit li t-tneħħija tas-servizz ikkontestat lill-kumpannija Ungeriża sabiex jiġi fdat lil UPC DTH kien motivat biss bir-rieda li dan is-servizz jevita l-applikazzjoni tad-dritt Ungeriż, tali konstatazzjoni ma tistax teskludi l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-kwistjoni tal-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli hija distinta minn dik dwar jekk Stat Membru jistax jieħu miżuri sabiex jimpedixxi li, billi jirrikorru għall-possibbiltajiet offruti mit-Trattat, uħud miċ-ċittadini tiegħu jippruvaw jevitaw abbużivament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom [29].

62. Għalhekk, ma hemm l-ebda prova li tindika li l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tkun eskluża minħabba abbuż. Minflok għandu jiġi eżaminat jekk il-miżuri possibbli għall-ġlieda kontra l-abbuż jinkludux restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, jekk dan ikun il-każ, jekk humiex iġġustifikati.

c) Konklużjoni intermedja

63. Leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw servizz ipprovdut mil-Lussemburgu fit-territorju tal-Ungerija u li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, konsegwentement jaqgħu taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE sa fejn la l-QRĠ u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sussidjarja ma jarmonizzaw is-suġġett b'mod eżawrjenti.

2. Fuq il-kompetenza ta' verifika tal-awtoritajiet Ungeriżi

64. Il-kwistjoni dwar il-kompetenza ta' verifika mill-awtoritajiet Ungeriżi hija intiża sabiex jiġi magħruf jekk verifika tas-servizz mill-awtoritajiet tal-Istat destinatarju hijiex kompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jiġi kkunsidrat jekk tali verifika tillimitax il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, possibbilment, jiġi eżaminat jekk tali restrizzjoni hijiex ġġustifikata.

65. F'dan ir-rigward, għandu wkoll jitfakkar li l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali ma għandhiex tiġi evalwata fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni sussidjarja tkun wettqet armonizzazzjoni eżawrjenti [30]. Huwa minnu li l-QRĠ ma jipprovdix obbligi materjali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, iżda l-Istati Membri jistgħu, skont l-Artikolu 6 u l-punt 8 tal-Anness għad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" jikkombinaw awtorizzazzjoni ġenerali għal dawn is-servizzi mar-regoli għall-protezzjoni tal-konsumatur li huma speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-verifika tal-obbligi li tirriżulta minn dan għandha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 10 ta' din l-istess direttiva.

27 — Sentenza tat-3 ta' Diċembru 1974, van Binsbergen (33/74, Ġabra p. 1299, punt 13), tal-5 ta' Ottubru 1994, TV10 (C-23/93, Ġabra p. I-4795, punt 20), tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, Ġabra p. I-1459, punt 24), u tal-15 ta' Diċembru 2005, Nadin u Nadin-Lux (C-151/04 u C-152/04, Ġabra p. I-11203, punt 45).

28 — Sentenza TV10 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 15), Centros (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 27) u tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 37).

29 — Sentenza TV10 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 15), Centros (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 18), u tal-21 ta' Frar 2013, A (C-123/11, punti 26 u 27).

30 — Ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet

66. Għalhekk, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tibqa' biss applikabbli sakemm il-kompetenza tal-verifiki ma tkunx tirriżulta diġà mill-QRĠ jew minn dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni sussidjarja. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jeżaminaw sa liema punt dan huwa l-każ.

67. F'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni sussidjarja tal-Unjoni tkun għad trid tirregola l-kompetenza għat-twettiq tal-verifiki inkwistjoni, l-Artikolu 56 TFUE jimponi mhux biss it-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din tapplika mingħajr distinzjoni għall-forniturі nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħra, meta tkun ta' natura li tipprojbixxi, tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, li fih dan jipprovdi servizzi simili legalment [31].

68. Ċertament, kull verifika eżerċitata fuq is-servizzi hija ta' natura li tfixkel jew li tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur. Madankollu, f'dan il-każ, il-fornitur ma jipprovdix servizzi simili fl-Istat li fih huwa stabbilit. Fil-fatt, UPC DTH ma tipprovdix aċċess għal pakketti ta' programmi fil-Lussemburgu.

69. Madankollu, huwa stabbilit, li anki f'sitwazzjonijiet bħal dawn, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jeħtieġu ġustifikazzjoni [32]. L-assenza ta' attività ta' servizz fit-territorju nazzjonali tista' tkun ta' rilevanza fil-kuntest tal-eżami ta' tali ġustifikazzjoni. Għalhekk, l-idea li fil-prinċipju ma huwiex neċessarju li l-Istat destinatarju jtenni verifiki [33], hija valida biss jekk tkun saret verifika fl-Istat tal-oriġini.

70. Madankollu, dan ma jaffettwax il-kunċett ta' restrizzjoni. Għalhekk, dan jinkludi l-miżuri kollha li huma tali li jipprojbixxu, jostakolaw jew jrendu inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, inklużi f'każijiet fejn ma jipprovdux servizzi simili fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit. Għalhekk, il-verifika eżerċitata mill-awtoritajiet Ungeriżi fuq is-servizz ipprovdut minn UPC DTH tikkostitwixxi restrizzjoni.

71. Tali restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista' tiġi ġġustifikata biss permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali meta tkun tapplika għal kull persuna jew impriża li teżerċita attività fit-territorju tal-Istat Membru destinatarju, sakemm tkun tajba sabiex jiġi ggarantit li jitwettaq l-għan imfittex u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan, u sakemm dan l-interess ma huwiex iggarantit mir-regoli li għalihom il-fornitur ikun suġġett fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit [34].

72. F'din il-kawża, ma hemm ebda prova li tindika li UPC DTH għandha tiġi suġġetta għal kontrolli oħra għajr dawk li huma suġġetti għalihom il-forniturі nazzjonali.

73. Sakemm l-għan tal-verifiki huwa li tiġi żgurata konformità mal-protezzjoni tal-konsumaturi, għandu jingħad li dan huwa għan inkluż fost dawk li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [35].

31 — Ara pereżempju s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), tat-8 ta' Lulju 2010, Sjöberg u Gerdin (C-447/08 u C-448/08, Ġabra p. I-6921, punt 32), kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, Ġabra p. I-9083, punt 85).

32 — Ara s-sentenzi Carmen Media Group (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 55 *et seq*) u TV10 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 17 *et seq*).

33 — Ara s-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-355/98, Ġabra p. I-1221, punti 35 sa 38), tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-171/02, Ġabra p. I-5645, punt 60), u tas-17 ta' Marzu 2011, Peñarroja Fa (C-372/09 u C-373/09, Ġabra p. I-1785, punt 54).

34 — Sentenza Peñarroja Fa (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Sentenzi tas-26 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-180/89, Ġabra p. I-709, punt 20), tal-5 ta' Diċembru 2006, Cipolla *et* (C-94/04 u C-202/04, Ġabra p. I-11421, punt 64), u tat-12 ta' Settembru 2013, Konstantinides (C-475/11, punt 51).

74. Għalkemm ċerti forom ta' verifika jistgħu jkunu sproporzjonati, ma jidhirx li dan huwa diġà l-każ fir-rigward tas-sempliċi responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat destinatarju li jivverifikaw is-servizz ikkontestat. L-eżerċizzju ta' tali kompetenza bħala prinċipju x'aktarx itejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi. Peress li ma jidhirx li hemm verifiki paragunabbli fl-Istat tal-oriġini, dan jista' wkoll, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni fl-Istat Membru destinatarju, jitqies neċessarju. U lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat li l-kontribut irrappreżentat huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-iżvantaġġi marbuta miegħu.

75. Din il-konklużjoni hija wkoll konsistenti mal-għażla leġiżlattiva li fuqha hija bbażata d-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" li, anki f'każijiet fejn ma tkunx applikabbli għal verifiki speċifiċi, tipprovdi għal tali verifika tal-Istat destinatarju fir-rigward tal-kundizzjonijiet li tista' tiġi suġġetta għalihom awtorizzazzjoni ġenerali.

76. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li Stat Membru jista' jikkunsidra bħala organizzazzjoni nazzjonali ta' xandir, organizzazzjoni ta' xandir bir-radju u bit-televiżjoni fi Stat Membru ieħor sabiex hemmhekk jipprovdi servizzi għat-territorju tiegħu, għaliex din il-miżura għandha l-għan li tostakola, għall-eżerċizzju tal-libertajiet iggarantiti mit-Trattat, l-organizzazzjonijiet li huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jevitaw indebitament l-obbligi taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali [36].

77. Għalhekk, sa fejn il-leġiżlazzjoni sussidjarja tal-Unjoni tkun għad trid tirregola l-kompetenza, l-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix l-awtoritajiet nazzjonali milli jissottomettu, għal proċeduri amministrattivi, servizz li huwa pprovdut minn Stat Membru ieħor u li fil-kuntest tiegħu il-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir bis-satellita inklużi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv.

3. Fuq in-neċessità ta' reġistrazzjoni u tal-istabbiliment ta' fergħa fl-Ungerija

78. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk huwiex kompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tkun meħtieġa reġistrazzjoni tas-servizz fl-Ungerija (ara l-punt b) jew anki l-istabbiliment ta' fergħa (ara l-punt c). L-ewwel nett, madankollu, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati d-dubji f'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà ta' din id-domanda (ara l-punt a).

a) Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet domanda

79. L-Ungerija u l-awtorità regolatorja Ungeriża għandhom dubji dwar l-ammissibbiltà ta' din id-domanda għaliex il-kawża prinċipali la tikkonċerna l-kwistjoni tar-reġistrazzjoni u lanqas dik tal-istabbiliment. Huma jargumentaw għalhekk li din il-kwistjoni ma hijiex rilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali.

80. Fil-fatt, minn tal-inqas, il-kwistjoni tar-reġistrazzjoni jidher li hija effettivament is-suġġett ta' kawża oħra li wasslet ukoll għal talba għal deċiżjoni preliminari li tqajjem domandi identiċi [37].

81. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, liema kuntest ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jkun manifestament ċar li

36 — Sentenza TV10 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 21).

37 — Kawża C-563/13, UPC DTH (II).

l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [38].

82. Wara li rċeviet talba għal kjarifika magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura, il-qorti tar-rinviju indikat ukoll li risposta għal din id-domanda setgħet ukoll tkun utli għaliha sabiex tagħti deċiżjoni fil-kawża prinċipali.

83. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teskludi, b'ċertezza, li l-qorti tar-rinviju tista' wkoll, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, tiddeċiedi wkoll dwar dawn l-aspetti tal-kunflitt bejn UPC DTH u l-awtorità regolatorja, ma huwiex possibbli li jkun stabbilit li din id-domanda *manifestament* ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, jew hija ipotetika. Għalhekk ma hemmx lok li tingħata risposta. Barra minn hekk, il-fatt li tingħata risposta għal din id-domanda fil-kuntest ta' din il-kawża tista' tkun tali li tiffaċilita ftehim fir-rigward tat-tieni talba għal deċiżjoni preliminari msemmija iktar 'il fuq.

b) Fuq l-obbligu ta' reġistrazzjoni

84. Fir-rigward tar-reġistrazzjoni tas-servizz ikkontestat fl-Istat tad-destinazzjoni, mill-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" diġà jirriżulta li l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jistgħu jkunu meħtieġa, qabel ma jibdew l-attività tagħhom, jissottomettu lill-awtorità regolatorja tal-Istat Membru kkonċernat notifika li jkun fiha ċerta informazzjoni.

85. Skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni", din l-informazzjoni għandha tkun biżżejjed sabiex jinżamm reġistru, iżda, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(2), l-impriża kkonċernata tista' tkun meħtieġa li tissottometti notifika iżda ma għandhiex tkun meħtieġa li tikseb deċiżjoni espliċita jew xi att amministrattiv ieħor mill-awtorità regolatorja nazzjonali qabel ma teżerċita d-drittijiet li joħorġu mill-awtorizzazzjoni. It-tielet sentenza tippreċiża b'mod ċar li wara n-notifika, jekk applikabbli, impriża tista' tibda l-attività tagħha.

86. Għalhekk, l-Artikolu 3 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" awtomatikament jeskludi l-impożizzjoni ta' rekwiżiti iktar estensivi għall-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi dwar ir-reġistrazzjoni. Konsegwentement, din ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

87. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jeħtieġu li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jirreġistraw ma' awtorità nazzjonali meta jipprovdu lill-konsumaturi nazzjonali servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għandhom jiġu evalwati biss fid-dawl tal-Artikolu 3 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni".

c) Fuq in-neċessità ta' stabbiliment

88. Kundizzjoni li tipprovdi li impriża għandha toħloq stabbiliment permanenti jew sussidjarja fl-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut tmur direttament kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, sa fejn hija tirrendi impossibbli f'dan l-Istat Membru, il-provvista ta' servizzi mill-impriżi stabbililti fi Stati Membri oħra [39]. Għalhekk, tali kundizzjoni tikkostitwixxi wkoll restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

38 — Sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 61), tas-7 ta' Ottubru 2010, dos Santos Palhota *et* (C-515/08, Ġabra p. I-9133, punt 20), tat-30 ta' Mejju 2013, X (C-651/11, punti 20 u 21).

39 — Sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-546/07, Ġabra p. I-439, punt 39).

89. Madankollu, din hija ta' natura li tiffaċilita verifika effettiva [40]. Il-preżenza ta' stabbiliment fuq it-territorju nazzjonali jagħti l-possibbiltà lill-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni, in-nies u l-assi tal-impriża li jipprovdu s-servizz.

90. Madankollu, obbligu ta' stabbiliment jillimita, b'mod partikolarment sostanzjali, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Sa ċertu punt dan huwa n-negazzjoni tagħha [41] u jrendi l-eżerċizzju tagħha prattikament impossibbli. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li dan ma huwiex meħtieġ. Minn naħa, l-Istat Membru destinatarju għandu jikkunsidra l-obbligi ekwivalenti li jeżistu fl-Istat tal-oriġini [42] u, min-naħa l-oħra, jista' jitlob lill-fornitur tas-servizz ikkonċernat jipproduċi prova li huwa jissodisfa, fil-pajjiż tal-oriġini, il-kundizzjonijiet iġġustifikati sabiex jipprovdi s-servizz inkwistjoni fl-Istat Membru destinatarju [43].

91. Fil-kawża inkwistjoni, ma jidhirx li l-possibbiltajiet ta' verifika iktar wiesa' li jippermettu l-istabbiliment fil-livell lokali ta' fergħa jew sussidjarja huma neċessarji. Għall-kuntrarju, it-test applikabbli fil-qasam tal-verifika tal-kontenut tat-trażmissjoni bit-televiżjoni, jiġifieri d-Direttiva "dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva" jassumi li tali stabbiliment ma huwiex meħtieġ fi kwalunkwe każ għax-xandara bit-televiżjoni [44]. Minkejja r-rispett kollu dovut għall-protezzjoni tal-konsumaturi, ma għandhomx jiġu imposti obbligi iktar stretti fuq l-impriżi li sempliċement jittrażmettu dan il-kontenut. Barra minn hekk, obbligu ta' stabbiliment jikkontradixxi minn tal-inqas l-għanijiet tas-semplifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bl-applikazzjoni tal-QRĠ.

92. Għalhekk, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi obbligu li permezz tiegħu servizz, li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizz jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, inklużi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, jista' jiġi pprovdut biss permezz ta' fergħa jew entità separata stabbilita fl-Istat Membru fejn is-servizz huwa riċevut.

V – Konklużjoni

93. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari kif ġej:

1) Is-servizz li, fil-kuntest tiegħu, il-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, huwa servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva "Qafas", sa fejn ikollu bħala suġġett it-trażmissjoni ta' sinjali fuq netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Għalhekk, il-fornitur ta' tali servizz għandu jiġi kkwalifikat bħala fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

2) Is-servizz li, fil-kuntest tiegħu, il-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, jista' jinkludi sistema ta' aċċess kundizzjonali fis-sens tal-Artikolu 2(ea) u (f) tad-Direttiva "Qafas", iżda ma għandux madankollu jitqies, fl-intier tiegħu, li jikkostitwixxi tali sistema.

40 — Ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 1992, Ramrath (C-106/91, Ġabra p. I-3351, punt 35).

41 — Ara s-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (205/84, Ġabra p. 3755, punt 52), u tas-6 ta' Ġunju 1996, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-101/94, Ġabra p. I-2691, punt 31). Ara wkoll is-sentenza van Binsbergen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 11).

42 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 47), u tal-11 ta' Marzu 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-496/01, Ġabra p. I-2351, punt 71).

43 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 70 u 72 *et seq*)

44 — Ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva "dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva" u s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Mesopotamia Broadcast u Roj TV (C-244/10 u C-245/10, Ġabra p. I-8777, punti 35 u 36).

3) Leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw servizz ipprovdut mil-Lussemburgu fit-territorju tal-Ungerija u li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, konsegwentement jaqgħu taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE sa fejn la l-qafas regolatorju l-ġdid għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sussidjarja ma jarmonizzaw is-suġġett b'mod eżawrjenti.

4) Sa fejn il-leġiżlazzjoni sussidjarja tal-Unjoni tkun għad trid tirregola l-kompetenza, l-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix l-awtoritajiet nazzjonali milli jissottomettu għal proċeduri amministrattivi servizz li huwa pprovdut minn Stat Membru ieħor u li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizzi jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, li jinkludi servizzi ta' xandir bis-satellita inklużi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv.

5) Il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jeħtieġu li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jirreġistraw ma' awtorità nazzjonali meta jipprovdu lill-konsumaturi nazzjonali servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għandhom jiġu evalwati biss fid-dawl tal-Artikolu 3 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni".

6) L-Artikolu 56 TFUE jipprekludi obbligu li permezz tiegħu servizz, li fil-kuntest tiegħu l-fornitur tas-servizz jipprovdi, bi ħlas, aċċess kundizzjonali għal pakkett trażmess bis-satellita, inklużi servizzi ta' xandir radjofoniku u televiżiv, jista' jiġi pprovdut biss permezz ta' fergħa jew entità separata stabbilita fl-Istat Membru fejn is-servizz huwa riċevut.